KTIEB GDID GHALL-QARI MALTI

IT-TIENI HARĠA

# ĠABRA TA' KITBA

TA'

SIR TEMI ZAMMIT

It-tieni Ktieb

M[redacted]
1937

*Aqra biex tgħaddi ż-żmien*
*u titgħallem*

# Ġabra ta' Kitba Maltija

ta' Sir Temi Zammit

li dehret fil-*Malti* u f'*Leħen il-Malti*

## IT-TIENI KTIEB

**Ħrejjef u Ċajt**


| | | |
|---|---|---|
| Kelb rieqed la tqajmux | paġ. | 3 |
| Il-Ġideb għomru qasir | ,, | 6 |
| Ċensa u ċ-Ċine | ,, | 11 |
| Il-Ħalliel misruq | ,, | 16 |
| Pina | ,, | 19 |
| Il-Ħolma ta' Żeżina | ,, | 23 |
| Lejla Bint Ħasan | ,, | 26 |
| Iż-żewġ seksieka | ,, | 29 |



MALTA
"EMPIRE PRESS"
1937

*Copyright, 1937 : Sir Temi Zammit*

Stampat fl-Empire Press, 266 Strada S. Paolo, Valletta.

# KELB RIEQED LA TQAJMUX

Kulħadd kien jafu lil Fra Ċelest, u kulħadd kien igħid ġid fih. Qsajjar iżda mibrum bħal zokk ta' żebbuġa, ħafif u ħvent donnu gidi, wiċċu tax-xema' imma dirgħajh tal-ħadid. Filli hawn, filli hinn; issa jwieżen tarbija taqsam it-trieq, issa jgħin burdnar igħabbi kantun; jaqdi lil xi ħadd il-hena tiegħu, u mita jiftaħ fomm il-ħorġa biex jilqa' xi ħaġa għall-Kunvent kien jixtieq iħallas lil min jagħtih. Mita ma kellux x'jagħti kien isellem bil-qawl "San Franġisk ikattar".

Bin ix-xogħol, kien trabba fil-għaks u fil-ħidma, Fil-ħanut ta' missieru kien jonfoħ il-forġa missebħ sad-dlam, mita ma kienx idoqq fuq l-inkwina sigħat sħaħ. Malli jbattal, kien jinħasel u jiġri għall-Kunvent, jindiehes mar-rħieb u jgħin 'l-ajk fil-ġnien jew fil-Knisja. Mita miet missieru ħalla l-forġa u libes iċ-ċoqqa.

Ferħu l-irħieb għax kisbu xriek li ma bħalu, u ferħu n-nies għax ratu miġbur fit-trieq it-tajba. Ħadd, naħseb, ma ġabar tgħam u flus daqs Fra Celest. Ilqa', Fra; newwel il-ħorġa, Fra; jew Fra, newwilli nitfa xama' tat-tniebri; Fra, għini ngħabbi dil-bixkilla... U Ċelest jidħak u jmidd idejh u jiġbor u jwiegħed li "San Franġisk ikattar".

Darba ltaqa' ma' saram u ħareġ minnu bil-għaqal ta' moħħu u s-saħħa ta' dirgħajh...

Għal għaxet in-nhar kien għamel id-dawra tal-ħâra u, b'dak li ġabar, kien sejjer ferħan lejn il-Kabuċċini. Kellu għoqda flus ġmielha għax kienet waslet il-festa.

Biex jasal kmieni ġibed minn trejqa mwarrba. X'biża' kellu, Ċelest ? Min kellu l-ħila jmidd idu fuqu ? Iċ-ċoqqa kienet imbierka u dirgħajh ma kinux dgħajfa. Imma l-għali jkun imsiefer.

Minn wara ħajt feġġ bħal għafrid Ġużè l-Għażli, l-aktar raġel ħieni u milgħun li kien hemm mas-saqajn, kulħadd kien jibża' jdendel kusu miegħu għax bniedem tas-sikkina u ta' ebda ġieħ. Kellu xkubetta f'idu u malli wasal ħdejn l-ajk waqaf u middha quddiemu.

—Saħħa, Ġuż—qal Fra Ċelest u ħabat għaddej.

—Stenna Fra—qabeż l-ieħor—lilek kont nistenna. Tarax, il-lum lgħabt u tlift, il-ħlas talġimgħa tarli f'siegħa u d-dar b'idejja battala ma mmurx. Int, naħseb, il-lum qbadthom għax ilek minn fil-għodu tiġbor għall-festa. Jekk tagħtini kemm tlift fil-qożża tista' tibqa' sejjer għal xogħlok.

Ċelest ħass demmu jagħli imma rasu ma saħnitx. Lill-Għażli kien irid tlieta bħalu, imma bl-armi f'idu ma kienx ta' min jafdah. "Hawn m'hux saħħa trid," qal f'qalbu, "għaqli biss jista' jaqlagħni minn dil-bixla." —X'kien li ma issewwiex, qallu, kull ma ġbart għand il-fqar għandu jmur, mela lilek imissek ukoll.—Hareġ il-għoqda mill-ħorġa u ħares lejn Ġużè li libet malli ra l-flus.

—Tista' tieħu kull ma qlajt,—qallu,—jekk tagħmel li ngħidlek. Il-gwardjan ma jemmen qatt li jien ħallejt min jisraqni kiesaħ u biered, u jekk ingħid li għedduni bin-nar jidħak bija. Nagħmlu hekk, nonxor il-ħorġa fuq il-ħajt u int iġbed fuqha. Mita nuri l-ħorġa mtaqqba ġieħi jkun merfugħ.

Daħak Ġużè, għax għoġbitu l-ħlieqa ta' l-ajk— Bi tliet karnijiet ċomb kien ser jiddobba kemxa flus, x'ma jisparax bil-qalb ?



—Onxor, Fra—qallu, u rafa' ċ-ċipp ma' wiċċu. Pam-pam u l-ħorġa saret għarbiel. Ma kienx għab id-duħħan tat-tir, Ċelest bħal riefnu nxeħet fuq Ġużè, ħaddnu u qatgħu mill-art bħal xkora tiben u ħabbtu mal-ħajt b'saħħitu kollha. Il-Għażli batta u rasu faqqgħet bħal dulliegħa; ħdiel, għoxa u sfar bħall-qarsa tax-xama' u ntelaq għal mejjet.

Fra Ċelest imbergħen u jilheġ wara dik il-hežża waqaf iħares lejh sa ma rah jitħarrek u semgħu jitniehed; imbagħad bla għaġla xejn ġabar il-flus minn ħdiem il-midrub, u geżwer l-ixkubetta fil-ħorġa.

—Ġuż—qallu—l-ixkubetta ssibha l-Kunvent, mita jidhirlek għaddi għaliha. Saħħa.

Ġużè bexxaq għajnejh, bħal wieħed li qam minn raqda twila, ma tkellimx għax ilsienu tqal. Xejjer kemm kemm idu lejn Ċelest bħal kieku ried igħidlu: "Saħħa ! aħjar ħadtha max-xitan inkella miegħek."

Kien għoddu dalam mita l-ajk wasal fuq iz-zuntier. Il-Gwardjan kien fil-bieb jistennieh.

—Hadt ħsiebek, qallu, x'inqala' ? Hemm x'għandek ?

—Benedicte,—qal Fra Ċelest, u sellem bil-qima kollha.—Il-ħrafa twila, Gwardjan. Għal issa dendel din l-ixkubetta fejn jidhirlek. Din wegħda ta' ħabib tiegħi lil San Franġisk talli ħelsu millmewt.

Naħseb li minn dak in-nhar Ġużè l-Għażli ma rx kera band'oħra.

# IL-GIDEB GĦOMRU QASIR

Wiżu kien rieġa' mill-ħrit għal għaxet in-nhar bil-moħriet fuq kitfejh u l-ħmara għajjiena tofrok quddiem. Kif daħal il ġewwa mix-xatba, Grezz, martu, feġġet mill-għorfa mbergħna bil-fettieħa tal-benniena f'idha. Infexxet f'bikja u resqet fuq żewġha :—"Ħadulna mogħża, Wiż. Għadni kif tajt daqqtejn sewwa lil dak il-misħut ta' tifel. Ħareġ b'erba' mogħżiet dal-għodu u daħal bi tlieta. Qal li kienu jirgħu m'hux bogħod minnu u waħda minnhom Alla ma għamilha. Noqtlu jien, lanqas ma tista' terħilu erba' bhejjem, tifel daqsiex". Dal-kliem ferragħtu f'daqqa, donnu kien miġbur f'ċurniena, bla nifs ta' xejn, bil-fettieħa tferfer f'wiċċ żewġha u nofsha mdawra lejn it-tifel, imrekken mal-ħajt tal-għorfa.

Wiżu kien imdorri għal dawn l-irwiefen tal-mara iżda t-telfa tal-mogħża ħassha minnufih.

—Jistâx ikun li tbiegħdet u nħbiet wara xi ħajt?—qal Wiżu biex igħid xi ħaġa.

—M'hux daqs kemm fittixnieha—qabżet il-mara—ġrejna l-ħâra kollha u nżilna sa tarf il-wied. Dik ġabruha xi ġirien, narra min ħadha jitlef......hekk jew hekk, aqta' jesek u berred bus-biesek, għax ma narawhiex aktar.

Wiżu daħħal il-ħmara fil-girna, ħelaq il-moħriet f'rokna, u, biex jara liema naqset, resaq lejn il-mogħoż, imwerwrin daqs it-tifel, u mgeddsa ras ma' ras wara l-bajtar.

—Il-ħamra li xtrajna minn għand Sidor,—qal.

—Iva dik, kollha kemm hi,—qalet Grezz—int għax ma tarax x'ser tagħmel, qiegħed hemm donnok ċepħa. Mur għall-inqas u kellem il-pulizija. Mhux għax sejrin igħaġġlu jfittxuha. Dawk xi karrettun bla fanal jaraw, imma ma tistâx taf. Mur.



Wiżu telaq, aktar biex jeħles m'ilsien il-mara milli biex iħabbar lill-pulizija bit-telfa tal-mogħża, fl-aħħar sab ruħu l-għassa.

Is-Surġent kien bil-qiegħda wara mejda kbira jikteb—Dal-waqt miegħek,—qallu bla ma rafa' rasu biex iħares lejh.

—Għaġla xejn—surġent — qal Wiżu wara li neħħa l-berritta, skanta jħares lejn il-praspar li kien hemm minxura fil-kamra. Quddiemu armarju kbir mimli pistoli, manetti, lanterni, lembubi, imfietaħ, u, mal-ħajt, slielem tal-ħabel, gumni, fisien, bramel ta' l-ilma u karti stampati kemm trid—"Għandhom tarzna sħiħa," qal bejnu u bejn ruħu, "għodda hawn jekk iridu jsibuhieli l-mogħża." Lanqas intebaħ li s-surġent kien rafa' rasu jħares lejh.

—Xi ġralek, nisimgħu ?—staqsa s-surġent.

—Jien ma ġrali xejn—wieġeb Wiżu—it-tifel tiegħi ħareġ jirgħa erba' mogħżiet u raġa' d-dar bi tlieta. Qal li serqulu waħda.

—Jaf min ħadhielu ?

—Li kont naf kieku mort ġibtha, hi fejn hi.

—Issa xi tridni nagħmillek ?

—Agħmel li tista'.

—Int għarrex dejjem u jekk ikollok xi ħjiel ejja għidilna. Min ħa l-mogħża m'hux sejjer idur biha fit-toroq u lanqas ser jiġi jgħid lilna. Imma la ġejt jinħtieġ innizżel ir-rapport tiegħek. Għidli: kif kienet din il-mogħża ?

—Gidja sbejħa, għenieqa ta' l-ewwel—qal Wiżu—għalja fuq saqajha, xaqra lankenija.

—Bil-mod għax irrid nikteb! x'għedt xaqra ? din xi tkun ?

—Xaqra, lewna aħmar.

—Mela għid ħamra ħalli nifhmek, ġej bil-brejku.

—Għax aħna hekk ngħidulha.

—Rasha żgħira, fartasa u mejxa.

—Trid tfehemni.

—Fartasa, għax bla qrun, għal ġieħ wiċċek, u mejxa għax widnejha daqs nitfa.

—X'iżjed?

—Midliela u bl-imsielet.

—Midliela kif?

—Midliela għax għandha xagħarha twil.

—Dawn l-irqaqat aħna ma nafuhomx għax il-belt ma għandniex x'naqsmu mal-mogħoż aħna, u hawn m'ilix. X'iżjed?

—Aħfirli, surġent, aħna mrobbija mal-bhejjem u fuqhom biss nitħaddtu.

—Jien m'iniex inlumek. Dak li għedtli biż-żejjed, jiġifieri għandek biex tagħrafha sewwa.

—Għandi ngħid! minn dufrejha twal, mill-mirekta' wiċċha, u mbagħad imxattra u batra.

—Batra, marida?

—Lè, batra għax għandha denbha żgħir kemm jista' jkun.

—Jekk nitilqek tibqa' tgħid sa għada fuq dil-mogħża. Int x'jismek?

—Wiżu Żahra.

—Ta' min igħidulek?

—Tal-Ġirbi.

—Missierek?

—Missieri ma jaf xejn fuq il-mogħża għax mejjet.

—Irrid naf x'kien jismu.

—Ġakbu.

—Kemm-il-sena għandek?

—Żewġ għexieren u tnejn.



—Fejn toqgħod?

—Wara l-Knisja, f'tarf is-sqaq taħt in-niċċa.

—Għid Strada Rjali, jekk taf. Tista' tmur.

Wiżu mar qajla qajla d-dar, aktar bil-buli milli kien qabel. Il-miġja sal-għassa ma qawwitlux it-tama li jsib il-gidja. Jekk tilħaq toħroġ mir-raħal roddilha s-salib. Jekk tibqa' moħbija, sa fl-aħħar toħroġ u wieħed jista' jiltaqa' magħha. Mela ma kienx hemm x'tagħmel. B'dan kollu, mur sabbar lill-mara!

Għaddew xi ġimagħtejn, u wara jum qagħad, għax ix-xita sħaba waħda wara l-oħra, Wiżu, għall-ħabta tal-għasar, waqaf jitħaddet ma' xbinu fuq ir-riħ tal-wied. Minn wara l-ħajt tal-għalqa ta' quddiemhom, inqala' Feliċ, wieħed mill-ġirien tiegħu, warajh merħla mogħoż ġmielha. Ried kieku jieqaf, ried jara jaqbadx trieq oħra, imma mogħdija waħda kien hemm u baqa' għaddej bħalli kieku minn moħħu ma kien għadda ebda ħsieb. Wasal quddiem iż-żewġt irġiel u sellem.

—Ir-riżq u l-barka—qal Wiżu.

Il-mogħoż laħqu quddiem Wiżu li b'daqqa ta' għajn fela l-merħla kollha. Ma' l-aħħar qabda lemaħ il-gidja tiegħu. Qabeż bħal għafrid ħdejn Feliċ, urieh b'idu l-mogħża u staqsieh:

—Dik ix-xaqra ma nafhilekx, mnejn ksibtha? mita daħħaltha?

—Wisq naf,—qal Feliċ,—kollha ilhom għandi żmien.

—Mhux kollha! għax dik tiegħi, nagħrafha.

—Ħallini minnek, Wiż. Għalkemm ma tridx tgħid li ħadthielek jien.

—Jien ma ngħid xejn, ingħid biss li dik ħwejġi, ħa nurik li qatt ma flejtha sewwa dik il-

gidja u li għalhekk għadha ġdida għandek.—Resaq fuq il-mogħża u b'idejh għattielha għajnejha.

—Dil-mogħża għawra, Feliċ; għidli minn liema għajn?

Feliċ tħawwad, imma ma weriex, u bid-daħka f'fommu qal: Kemm ħsibtni nieqes? Mix-xellugija.

—Ma qtajtx,—qal Wiżu.

—Kif m'hix mil-leminija? Ara sewwa.

—Int mix-xellugija għidt.

—Ma nafx — mil-leminija ridt ingħid, għax jien naf kemm ħabbtitni biex indewwiha.

—Daqs kemm ħabbtitek biex sraqtha — qal Wiżu li neħħa idejh minn wiċċ il-mogħża—Il-gidja għandha għajnejha aħjar minn tiegħek, għax tiegħek imċefċqa. X'dewwejt ruħek il-ħażina? Qabad il-mogħża mill-ħabel li kellha f'għonqha u ħariġha mill-merħla.

—Feliċ libet u ħares lejn xbin Wiżu għal xi għajnuna, imma dan, raġel daqs imramma, infexx f'daħka u qal lil Feliċ: Inqlejt b'żejtek, Feliċ, jekk tisma' minni tibqa' sejjer għal xogħlok għax hekk il-ħaġra tibqa' bejnietna. Jekk tmieri lil Wiżu għandek mnejn issib ruħek f'qiegħ il-wied bla ma taf kif, u siegħa wara tista' tiġi marbut u meħud Kordin. Iżżi ħajr 'l Alla li sibt nies tajba l-lum...

Feliċ għaddas rasu lejn l-art u nstama' jgerger: "Dawn bċejjeċ! dil-gidja kif ġiet għandi?" Imbagħad xejjer il-ħorġa fuq il-bhejjem u saqhom: "Zha 'l hemm, Zha 'l barra," u baqa' sejjer bla kliem u bla sliem.

Wiżu ferħan se jtir baqa' bil-gidja f'idu jmellisha l-ħin kollu. Xbinu ħares lejhom u xtaq igħannaqhom, imbagħad qal: "Wiż, ħriġt minnha ta' raġel. X'fatta bramtu ħej! Mur obsor li Feliċ kien jasal sa hawn! Ma trid taħlef għal ħadd milli nara. Issa int kliem xejn. Lis-surġent mur għidlu li l-gidja sibtha u la anqas u la aktar. Lill-mara għidilha: Kollox sewwa, il-mogħża ġiet. Il-lejla, wara l-ikel, ħallasli nofs għand Marozz. Mur għax dalam."

—Saħħa, xbin, li ma kontx int il-lejla kont nikser għonqi.



## ĊENSA U Ċ-ĊINE

Ta' l-imwiet kienet għadha kemm daqqet, u Ċensa sabet ruħha mħejjija biex toħroġ, għax Pawlu tagħha wigħedha li jeħodha ċ-ċine li kien għadu kif rama m'hux bogħod minnhom. Sajret u resqet fuq il-mejda hekk kif dalam, u f'radda ta' salib naddfet kollox, qaflet il-qattus fil-bitħa, tefgħet biċċa ħwejjeġ fuqha, u fuq l-ixkaffa ta' ħdejn il-bieb ħalliet musbieħ kemm kemm inewnem għal mita jerġgħu lura. Mita dehrilha li kollox f'loku xirfet fil-bieb, u resqet lejn Pawlu li kien qabbad sigarru bil-qiegħda fuq il-għatba.

Mita deherlu, Pawlu qam, hi ġibed il-bieb u telqu.

Il-ġara, minn wara l-bieb tagħha mbexxaq, sellmet:

—Donnok tħajjart, Ċens,—qaltilha.

—X'tagħmel, Vitor, sa nara dal-ħali Ċine x'inhu.

—Sewwa; igħidu li fih x'tara, ħwejjeġ ta' l-egħfiered, ħwejjeġ maħżuża jitħarrku. Dnub li kollox bil-flus. Min għandu l-bżar iroxxu, Ċens.

—Saħħa, Vitor; nagħmlu bħall-oħrajn !

Telqet, għax beżgħet li tasal wara li jkun beda.

Mill-bogħod lemħu żewġ bozoz tal-luċeretka fuq bieb il-maħżen li kienu jitfgħu roqgħa dawl f'nofs it-trieq fejn kienu miġbura gozz tfal, jidħku, jimbuttaw. jitbahardu, quddiem żewġt inkwatri daqsiex imdendla, wieħed f'kull ġenb tal-bieb. Il hawn kien hemm maħżuż iljun, ħalqu miftuħ bi snienu barra, mixħut fuq bniedem imbiċċer, u fil-bogħod ħafna suwed imwerwrin jaraw lil seħibhom taħt dik id-dbiba. In-naħa l-oħra kienet maħżuża xbejba żagħżugħa nofs ilbies, tiżfen f'nofs ħafna Għarab kokka ma' dwarha jdaħħnu n-nargilè u jċapċpu idejhom. Għoġbuha lil Ċensa dawk l-inkwatri mżewqa b'kull lewn, għafset kemm kemm driegħ Pawlu u qaltlu : "Ara xi ħlewwa ta' xebba donnha, barra minn dnubietha, anġlu tas-sema." Imbotta u ross, qajla qajla waslu fuq il-għatba, u Pawlu telaq erba' soldi fit-tieqa quddiem dak li jagħti l-biljetti.

—Ohi, siks pens—qallu—għal tnejn min-nies.

—Kulħadd żewġ soldi qalli—qabżet Ċensa—dan kif, għala ?

—Il-lum biċċa ġdida—qal dak tat-tieqa.

—Niġu darb'oħra—qalet Ċensa—imxi Pawl.

—Issa la ħsilna ġejna, nidħlu — qal Pawlu, u sold wara l-ieħor żiedhom ma' dawk li kien ħareġ. Ċensa regħxet, mhux għaż-żewġ soldi, għad li għal daqs hekk, fil-għodu, ma kkurdatx f'wiżna patata, imma biex ma tagħtihiex rebbieħa lil dak il-wiċċ ta' ħuta mgħoddija ta' wara t-tieqa li kien tbissem jidħak.

Daħlu. Ġewwa dwal mejta kullimkien, nies titħaddet, issaffar u tpejjep, fil-qiegħ taħt liżar abjad imdendel, beda d-daqq. Fil-baxx tfajla



mqarwża donnha sabi ħażin, bdiet iddoqq il-pjanu; u ma' ġenbha żinżill ta' tifel, b'loppa xagħar daqs imħadda, rama jħanxar il-vjolin, magħfus taħt geddumu. Il-għagħa naqas u n-nies bil-ftit il-ftit imliet il-bankijiet kollha.

Fl-aħħar intefa d-dawl kollu, insama' tfexfix kbir, ċenċlet qampiena, u fuq il-liżar dehret roqgħa dawl b'sitt ittri kbar jilmaw fin-nofs. Mitt ruħ għajtu f'imkien: *Pariġi* biex juru li kienu jafu jaqraw. Min-naħa ta' fuq il-bieb insama' ħoss ta' makna sejra dejjem, brr, brr, brr u ċ-ċine beda.

Ċensa b'ħalqha nofs miftuħ, imrassa ma' driegħ Pawlu għall-ewwel fehmet, u ma fehmetx. Rat kollox jitħarrek, żwiemel, nies karrozzi, triqat ma jispiċċaw qatt, palazzi, siġar, egħjun, knejjes. Ġiet knisja daqsiex donnha qartas mirqum, mimlija statwi żgħar, twieqi, bwieb, ħlestruni, bizzilla, xogħol li jsaħħar. Knisja oħra ġiet wara, wiesgħa sarbut kolonni ma' tul il-faċċata, imbagħad oħra fuq quċċata bil-kampnari rqaq u twal. Xi ġmiel ! Imbagħad bosk u siġar bl-eluf, ilma ġieri, ilma qiegħed, ilma mxerred u jtir u jiżfen. Torri għoli jisfa fil-ponta, mill-bogħod donnu tal-firdiferru, u xmara b'mijiet ta' dgħajjes u lanec u braken.

Imbagħad donnu dalam, u nies deħlin it-tijatru, oħrajn minsuba għall-ikel, oħrajn għad-daqq u għaż-żfin. "Dak x'ilbies hu ? Dik sura ?"—qalet Ċensa minn taħt il-lsien, ara dik wiċċ il-għatba tal-Kistlanija, tiżfen aktar imneżżgħa, inkella liebsa" !—Pawlu jrossha bi driegħu talabha tiskot. "Tapiti, żġieġ, linfi, mobbli...kemm għandhom flus in-nies! Jaħraq dinu l-faqar!" Wara ftit id-dawl tal-liżar intefa, il-lampi ta' mad-dawra xegħlu u n-nies qabdet titħaddet, tfal igħajtu, isaffru u jinbxu lil xulxin. Ragħħet il-qanpiena u t-tfexfix, u bdiet biċċa oħra. Din imħawda ġmielha. Xebba moħbija wara siġra, tasal karrozza jinżel ġuvnott

u jtellagħha miegħu. Is-seftura twerżaq. Inqala' l-missier u jirkeb f'karrozza oħra u jitlaq għal warajhom. Iġri u ġib min jiġri fuq blat, ġo siġar, fuq xmara .. "Laħaqhom," għajtet Ċensa. "Le, jaħasra, ħarbulu." "Tgħajjatx," qalilha Pawlu. U dawk jiġru dejjem. Ta' quddiem qabżu mill-karrozza u daħlu fi sqaq. Jinżlu f'kantina, igħaddu minn mina, jiddendlu b'ħabel minn tieqa u l-missier għal warajhom—"qabadhom"—"għabu". Ċensa mitlufa, qalbha tħabbat u titlob li sa fl-aħħar jitfixklu u jżommhom. Qabżulha d-dmugħ mita rat vapur ħiereġ u l-għarajjes ixejru bil-maktur lejn ix-xiħ wieqaf fuq blata b'idejh f'xagħru, donnu miblugħ.

Ċensa ma setgħetx tieħu r-ruħ. Mn'Alla li l-liżar intefa. "Rajt, Pawl, rabbi 'l bintek biex jiġi min jisraqhielek. Tfal u bhejjem għali dejjem. Tgħid issa ġejja tal-Ijun, Pawl. Dik għadna ma rajnihiex, lanqas dik tal-Għarbija tiżfen."

Raġa' kollox fid-dlam u l-liżar iddawwal. Dehret kitba u n-nies bdiet tgħajjat: "il-Papa Re"—u tħabbat idejha. Mela mhux tal-Ijun? "Din il-biċċa ġdida li għaliha weħilna żewġ soldi aktar," qal Pawlu. Hekk kien: kollox fuq Ruma. Knejjes u knejjes u knejjes, waħda isbaħ mill-oħra. Palazzi mwaqqfa, oħrajn imġarrfa, kolonni, statwi, djar mħerba. Egħjun ta' kull xorta, xmajjar ta' ilma nieżel... "Ara, Pawl, kemm indum nimla landa minn għajn fis-sajf, u hawn nieżel bil-ħala..."

Nies għaddejja minn kullimkien, swali mill-isbaħ, damask, inkwatri, imwejjed minquxa... kollox imħejji għall-festa l-kbira ta' mita r-Re raġa' ħabib mal-Papa. Jasal il-Kardinal, jasal il-Ministru l-Kbir, karti u siġilli, il-Kardinal jagħmel ismu, wiċċu daħkani, il-Ministru jikteb warajh, dritt bħal statwa għajnejh ċassi donnhom xrara nar. Qtajja' ta' nies jistennew barra u jxejru kpiepel u bandieri. Il-misraħ ta' quddiem San Pietru moħnuq bil-folol ta' nies jistennew fix-xita taħt l-umbrelel biex il-Papa iberikhom... U l-liżar intefa u n-nies bdiet ħierġa. U l-Ijun u l-Għarbija?" qalet Ċensa, jien ma noħroġx qabel narahom.

—Ikollna noħorġu għax spiċċa—qal Pawlu.

—Kif, spiċċa, mela daħku bina, u ġagħluna nħallsu aktar.

In-nies ħarġet u tfew. "Immorru" qal Pawlu, u telqu.

Fit-trieq Ċensa telqet ilsienha li kellha żżomm għal sagħtejn sħaħ imxekkel... "Dur dur, ma rajna xejn, urewna li riedu u l-isbaħ ħwejjeġ li kienu avżati żammewhom. U dawk ħwejjeġ xierqa li wrewna fl-ewwel waħda? Phu għalihom, dawk għal taparsi nies puliti, lanqas fl-aħrax tal-Mellieħa ma tara l-għarukażijiet li wrewna... U dik li l-missier jara 'l bintu misruqa, dik ħaġa sewwa? Kieku nqala' Kuntistabbli jagħti ajjut! Darba kienet ma tergħax tkun. Infaqna sikspens u ħriġna nċafalsu għax min dak il-ħin għamlet ix-xita. Ara x'kull għadira... Imxi minn taħt il-ħajt... xita kienet tonqos..." Daħlu d-dar saqajhom imxarrba. Ċensa qalet li d-dawl għammxilha għajnejha u weġġgħelha rasha. "Kieku ili rieqda sagħtejn u għada rrid inqum għall-quddiesa ta' l-ewwel. Qattus min ħajjarni b'daċ-ċine!"

Raqdet b'demmha jagħli u ħolmot ħażin. Ma' Vitor, il-ġara, tkellmet xort'oħra l-għada u ftaħret b'kull ma rat... u mbagħad b'sikspens xi trid tara? b'xejn! Biss biss tara dak l-ilma nieżel fl-egħjun tiġik għira, daqs kemm hawn għaks ir-raħal...

Wara kollox xtaqt naf Ċensa marretx iċ-ċine darb'oħra.

## IL-ĦALLIEL MISRUQ

Dovik kien daħal fiż-żmien, telaq il-qbiela li kellu għax ma kienx jiflaħ għax-xogħol tar-raba' u nġabar fir-raħal isamsar il hawn u 'l hinn u joħtob xi nagħġa u xi felu. Hekk kien jikseb biex igħix u kultant igħaqqad xi wqija li kien iżid fil-moħba tiegħu f'toqba fis-sejjieħ wara xriek b'erba' qsari tal-merqtux. Fil-għaxija kien jibrek għand Lonzu tal-ħanut, il-ġar tiegħu, u, ma' xi tliet bżieżaq bħalu, jieħu xi terz inbid qabel jorqod.

Dal-ġar kien ilu għajnu fuq Dovik għax mhux darba jew tnejn kien rah iferkex wara l-qsari ta' fuq ix-xriek, xamm li kellu l-moħba u għad li ma kienx raġel ħażin sa barra għajnu kienet dejjem fuq dik ir-rokna. Darba x-xitan għamieh, niżel fil-ġardina ta' Dovik u ma damx ma sab il-ħaġra li kienet titboq il-ħofra fejn kienu l-flus. Dak in-nhar ma misshomx, imma t-tieni darba l-leħħa għelbitu u ġibed id-daqsxejn ta' sorra bl-ewwieq (għax kien għadu żmien ta' l-ewwieq) u xeħitha f'ħobbu.

Għaddew xi erbat ijiem u Dovik mar biex iżid mielu u sab li l-għasfur kien tar. Inxorob ġo fih. "Mhux ħlief Lonzu," qal. "Rani xi darba minn dik ir-rewwieħa li għandu fis-setaħ u niżel għalihom— X'nagħmel ? "

Ġieh f'moħħu Ġorġ, xbinu, li kellu rasu ta' avukat u kien aktar minnu darba ħelsu minn xi taħbil, u mar sabu fir-razzet.

—Hekk u hekk ma ġrali, xbin.

—Ġurdien xiħ, ġarek,—qallu—nonsbulu. Ara li ma toħroġlok xi kelma, ara tlumu., ara turi li naqsitek xi ħaġa. Ħalli jgħaddi ftit taż-żmien u għid li ser tiġbor kemxa flus minn għand il-flien. Min ħadlek flusek aktarx jirgħeb u biex jaħtaf il-flus il-ġodda m'hix ħaġa kbira li jarġa' jħalli



dak li ħadlek biex iħajrek iżżid il-għoqda. Sargu xiħ b'gamblu jinten jinqabad, ara tinqediex kif għidtlek? Jekk ġarek ma jidħolx fin-nassa aqta' jiesek minn flusek u arġa' ibda faddal.

Dovik fehem dlonk it-twissija ta' xbinu, u ħareġ b'qalbu anqas magħfusa milli daħal.

Fil-ħanut ta' Lonzu baqa' jmur bħal ma dari, jixrob u jkisser xi ġellewża għat-togħma.

Lejla waħda qal huwa u ħiereġ: "Jekk ma għandhiex tagħmel ix-xita għada. Għandi nasal sal-Belt u ma feħsibnix nixxarrab."

—Dal-Belt x'ħadek?—qal wieħed minn sħabu.

—U x'ħadni?, ħija Ġorġ, Alla jaħfirlu, kien silef xi mitt skud lill-flien u wara daż-żmien kollu l-Qorti bagħtet għalija bħall-werriet ta' ħija, biex niġborhom, aħjar immur u neħles għax il-mewt u x-xita Alla jaf mita.

—Ma naħsibx li jkollna ilma għada.

—Saħħa rġiel.

—Alla jibgħathielek tajba, Dovik, Saħħa.

Il-għada Dovik ma deherx. In-nassa ntasbet. Il-ġurdien xamm il-ġobon u daħal.

Mita deherlu li ħadd ma sata' jarah, Dovik mar jittawwal il-moħba.. Qalbu kienet tħabbat sitta sitta; isibhom, ma jsibhomx? B'idu bi ftit tarrogħda qala' l-ħaġra ta' wara x-xriek u daħħal subgħajh... Balleċ hemm kienet il-għoqda flus. Ġibidha dlonk...għalkemm ma ġitux li jbushom. Taħt il-ħajt kien hemm gozz qxur tal-bebbux li kien għalla wara l-ewwel xita. Qabad qabda minnu u mela l-ħofra bih; tebaqha bil-ħaġra mill-ġdid, u telaq lejn il-kamra.

Fil-għaxija mar fil-ħanut għall-inbid. Malli rawh dieħel sħabu staqsewh il-koll fi-imkien : "Kif marret, Dovik, qbadthom ?"

—Kollox mar sewwa,—wieġeb,—domt nistenna

qatigħ iżda fl-aħħar, wara ħafna taqlib ta' karti u twaħħil ta' bolli, għaddewhomli dawn l-imberkin flus.

—Kellek xorti—qal wieħed minn sħabu.

—Hekk hu — qal Dovik — Ħa ngħidilkom x'qaltli mara li kien hemm għand in-nutar. Ħaġa tal-għaġeb, imma ħalfitli li dak li qaltli kollu sewwa.

"Il-ħares ħallem lil dil-mara li fil-ġardina kien hemm ħofra mimlija bil-flus, qalilha biex tfittex tmur teħodhom għax inkella jsirulha bebbux. Mita stenbħet il-mara qalet bejna u bejn ruħha. Għada mmur nara jekk il-ħares daħakx bija, mil-lum sa għada ma hemm xejn: din tal-bebbux ħrafa; jekk hemm il-flus, flus jibqgħu. Il-għada ħaffret u sabet il-moħba fejn qalilha l-ħares imma, ħaġa tal-għaġeb, għorma bebbux kull ma sabet. Tarawx l-aħwa sata' ġrali l-istess lili. Issa ixorbu bis-saħħa ta' ħija Ġorġi u int Lonz, ixrob magħna wkoll.

Lonzu mela t-tazzi u kulħadd xorob.

Dovik ħallas, sellem u ħareġ.

Il-għada, sebaħ, mar għand xbinu, u qallu kull ma ġara; xbinu ma ried xejn tal-parir li kien tah, imma Dovik newwillu qolla nbid ta' Maskri minn dak li jiżbogħ it-tazzi.

Fil-ħanut ta' Lonzu ma rifisx iżjed u wara ġranet kera band'oħra u ħadd ma rah aktar f'dik il-ħàra.

Il-ħbieb ta' Dovik ma setgħux jifhmu għala kien ħalliehom bħal erbgħa fost il-ġimgħa. Lonzu, naħseb, ma għaġġilx igħidilhom x'kien hemm miżrugħ, u mita kienu jaħslu jsemmu lil Dovik quddiemu, kien idawwar il-kliem. Kellux raġun das-sargu ħalliel li nqabad b'gamblu jinten?



# PINA

Pina kienet l-aktar mara magħrufa ta' fuq l-ixprun fil-ħàra ta' Santiermu: mara bieżla, fuq tagħha, għad li mdaħħla fiż-żmien. Qaddejja, ħassiela, nofs qabla, ħuttaba; taf lil kulħadd, marbuta ma' ħadd. Tilħaq ma' kollox, hawn tagħmel nofs ta' nhar tlaħlaħ, hemm taħli jumejn tfettaħ il-bann jew timla xi mitraħ, lil din, fil-ħin tal-mistrieħ, twasslilha t-tfal għand in-nuna, lil dik, tiġri ġirja tiragħnilha par imsielt, issa ssamsar nofs għonnella, issa taqlagħha Fiemja, il-majjistra, biex tarfa' tarbija għall-magħmudija, u hekk, bla ma tintrabat ma' ħadd, tgħaddiha ġmielha u tikseb dejjem x'tiekol mill-aħjar.

Hemm hi, min issemmih lesti x'tagħtih, tielgħa mit-trieq tal-Franċiżi u tilwi lejn id-duwi balli, iċ-ċurqana mitluqa fuq rasha, ġlekk tal-kaxmer lewn iż-żbiba, kollu ganez ta' żmien meta żżewġet nannitha, dublett wiesa' qanpiena tal-linzi iswed ħadrani, ikarkar ma' l-art minn wara, żarbun tas-sempiterna jlaħlaħ donnu qorq.

Arawha waqfet quddiem l-ewwel grada li sabet fejn hemm Lukarda, is-seftura tas-sur Dovik, tixtri l-frott minn għand tal-karrettun.

—X'int imgħobbija—qaltilha Lukarda.

—Dis-sorra għall-mogħdija. fiċ-ċurniena għandi x'insajjar u fil-ġewlaq deffsitli erba' ħaxixiet Karmni tal-ħanut li kienet għadha tasal mis-suq. Dal-għodu qlajt żewġ xelini. Qajmuni mas-sebħ biex inġib il-Kummari għal Tonina tal-Gadraj, kebbistilhom in-nar, saħħant ktieli ta' l-ilma, qtilt kapuċċel u raddejt il-brodu kien għadu jbexbex.

—Nistħajlek għajjejt, Pin ?

—Għajjejt le, imma ftit tal-qtigħ il-laħam għandi.

—Il-bieraħ rajtek għaddejja bil-ġewlaq, kont jaqaw sejra għand is-sinjura Pawl.

—Lukard, jien mita mmur għand in-nies għax-xogħol ġewlaq f'idejja ma taralix.

—Għala Pin ?

—Il-ġewlaq, binti, iħasseb ħażin u ma jinħtieġ xejn; but kbir imħażżem quddiemek jiswa u ma jagħtix fil-għajn; dak dejjem miegħi. Qatt ma ninsa mita bdejt naqdi mort ħafifa b'ġewlaq isfar il-ġmiel tiegħu. Jiena u ħierġa waqqfitni s-sinjura u qaltli: "X'għandek sabiħ fil-ġewlaq?" Ridt l-art tiblagħni għax ħassejt li għaddietni ta' ħalliela għad li fil-ġewlaq ma kelli xejn tal-kuntrabandu. Qlibtu ta' taħt fuq, fuq il-mejda ta' l-intrata, waqa' l-muftieħ ta' kamarti, qorq li nieħu għax-xogħol, u maktur taż-żejt li norbot f'rasi.

—Dawn ħwejġek? — staqsejtha u b'għajnejja ridt nikolha.

—Kollox sewwa,—qaltli,—ma għandekx għax tieħu għalik, għax mhux ftit ħwejjeġ naqsuni minn dari.

—Ara lil min iddaħħal, sinjura, mhux kull min jaħdem miegħek ħalliel. — Billi ma kellix faħam midlul irħiejt ilsieni. Fil-but ta' taħt ma kienx hemm ħlief biċċtejn sapun, kaxxa sulfarini, qabda favetta u mgħarfa tal-għuda, tathomli s-seftura minn jeddha għax wassaltilha risposta tal-għarus li joqgħod ma' ġenbi. Jiena ma ħadt xejn, li tawni tfajt fil-but, min jagħtik ma tiħux? Minn dak in-nhar ġewlaq għand in-nies ma ndaħħalx għax ma rridx inħassar demmi. Il-ħsieb ħażin jidħol f'ras kulħadd għad li jien labra li hi labra ma narfâx fi djar in-nies.

—Ma jistax ikun li s-sinjuri jagħtuk xi ħaġa ?

—Dak ma jgħoddx; sinjura, seftura, koka, baj-



jad, mita jagħtuk ma tistax ma tiħux għall-kirjanza, imma jien ruħ waħda għandi.

—Basta ma titlobx, Pin.

—Nitlob le, imma ma fiha xejn li tara kif tagħmel biex iġġib il-boċċa ħdejn il-likk.

"Tiftakarx dawk li kienu joqogħdu fid-dar ta' quddiemek li mbagħad marru 'l-Aġiel? kont naqdihom u fl-intrata kellhom siġġu daqsxejn imxellef, li s-sinjura kienet tpoġġi fil-lemin tal-mejda biex it-tixlif ma' jidhirx. Jien kont nieħdu fuq ix-xellug biex is-sinjur jarah kull daħla u ħarġa. Darba kien hemm u staħa rani mmiss is-siġġu.

—Dak is-siġġu--qal—ma rridx narah aktar.

—Jekk ma tridux nieħdu jien, dnub tarmuh.

—Ħudu,—qalli.

"Is-sinjura tbergħnet imma quddiemu ma riditx tikser il-kelma ta' żewġha. Għax in-nisa ma jħobbux jagħtu u la imxellef u la l-miksur. Jien is-siġġu ħadtu; min ilumni, u la sraqtu u l-anqas tlabtu.

—Mita tiġik ix-xokka f'moxtha tkun wisq ħmar jekk ma taħsibx għal rasek.

—Ara xi ġrali darb'oħra. Kont niknes il-kamra tas-sinjur u fuq iċ-ċumnija nilmaħ xelin. "Din lixkata għalija," għedt bejni u bejn ruħi. Ħasbu li jdaħħluni fl-ixkora imma jien m'iniex ta' sebgħi f'ħalqi.

"Ix-xelin għattejtu b'kaxxa tal-bellus li kien hemm ħdejh u bqajt sejra bix-xogħol. Jiena u ħierġa 'l barra resaq is-sinjur u qalli:—Rajt xi xelin f'kamarti ?

—Iva, sinjur, sibt xelin u għamiltu taħt il-kaxxa tal-bellus għax seta' daħal xi barrani u tefgħu fil-but. Ara għadux hemm ?

"Ix-xelin sabu fejn għedtlu u ta daqqa ta' għajn lis-sinjura biex bħalli kieku jgħidilha ħsibna ħażin mara! imbagħad qabad ix-xelin u tahuli f'idi. "Ħa għax jistħoqqlok, mara int u mara talġieħ.

"Jien għal l-ewwel ma ridtx nieħdu, għad li kont ili li fassalt kif għandi nonfqu malli rajtu l-ewwel darba. Baxxejt għajnejja u għedt li dak ħwejjiġhom u jien ma għamiltx ħlief neħħejtu min-nofs. Li ma ħabbiltx ftit moħħi kont nibqa' b'xejn, jekk ma noħroġx ta' ħalliela minn fuq.

"U x'tara man-nieş, li ma kienx għall-bukkun ta' żaqqna barra minn hawn seba' ħarât. Jien għadni żgħira u għandi mitt sena nizzewweġ biex neħles minn dal-jasar.

"Bilħaqq, ili biex ingħidlek. Taf li Pawlu jkun hawn fl-aħħar ta' dan? Qalli ħuh Ġorġ. Ma kitiblek xejn?

—Kitibli ilu. Din bxara li tajtni dal-għodu! Dalwaqt immur ingħid l'ommi malli neħles minn dax-xifajk ta' sinjur; iġri joħroġ, dejjem jaqla' xi ħaġa. Xħiħ, imgħarraq, li kien jista' ma jikolx. Ħa erba' ħawħiet, Pin; għadni nixtrihom, qabel ma jinqala' xi ħadd. Ħaqqek tal-bxara, mur bissliema.

—F'ħajjetek, malli nkun naf mita għandu jasal sewwa niġri ngħidlek. Mur ara x'sa jġiblek minn barra daqs kemm iħobbok! —Ġibdet il-grada u telqet tferċaħ lejn il-Kerrejja ta' l-iskutella għax hemm kienet toqgħod. Iċ-ċulqana miġbura magħha biex tgħatti s-sorra, il-ġewlaq u ċ-ċurniena. Għal dak in-nhar kellha bizzejjed u għalhekk wiċċha kien daħkan ftit aktar minn ta' dari.

Dik il-ħalja ta' Pina; x'kienu jagħmlu dawk ta' fuq l-ixprun mingħajrha? ħuttaba, ħassiela, qaddejja, midħla tagħhom ilkoll. Alla jħares tiġi nieqsa!



# IL-ĦOLMA TA' ŻEŻINA

—Ara s-sa' Żeż! Hawn kellna niltaqgħu?

—X'tagħmel, kollox irid ikun; x'tarbija għandha Dolor, xi ħlewwa; mita missilha xofftejha bilmelħ il-Kappillan ħarġet ilsienha bħallikieku għoġobha. Lanqas tniffset, ruħi binti, mita xarrbilha rasha.

—Dik x'parrina qalgħu? Donnha minn wara l-muntanji, ħwejjiġha jibku fuqha. Basta bl-ingwanti tal-filé! Daħlet ġo l-abbati u waqqgħetlu l-ktieb u kienet għoddha qalbet il-baċil. Tafha?

—Le, qatt ma rajtha. Nistħajjilha tiġi mirraġel għax dak mill-Imqabba.

—Tat-tajjeb donnu għax irmalha dar kif imiss. Ara x'purtieri tad-damask! Ara x'kull mera! kollox bla gost. Xorb u ħelu bil-ħala. Għamlu nifishom għall-ewwel tarbija.

—Ħu xi ħaġa għax tal-gabarré jrid jilħaq ma' kulħadd.

—Nieħu erba' ħwejjeġ ħelwa għat-tfal. Qabel ħriġt qaltli Mananni tiegħi—ara li ġġibilna xi ħaġa mill-magħmudija la m'intix se teħodna.

—Ħu daqs kemm hawn ġid.

Is-sa' Żeż, li l-ħin kollu għajnejha jibru biex tara ġietx dik li riedet tiltaqa' magħha, qamet fuq qaddha u sejħet lil waħda xbejba li kienet għadha kif daħlet fil-kamra.

—Ejja 'l hawn, Roż, hawn siġġu battal. Mela ma ġejtx il-knisja?

—Le, sa' Żeż, ġejt biex ma tgħidx Dolor li ridt nonqosha, għax ma nħobbx inħaddar jien.

—Għadek fl-aħjar tiegħek, imissek tidher kullimkien; ili ma narak u, għax tgħid, kont bix-xewqa li nkellmek.

—Jaqaw ?

—Ma ridt xejn, imma ħlomt b'ommok ilu ftit u, billi naf kemm kont tħobbha, għedt ingħidlek biha. Hu biskuttin sadattant.

—Miskina ommi, m'jien xejn mingħajrha.

—Jien naf kemm kienet miġbuda lejk ! oħroġ il-għaġeb, ħlomt li rajtha kollha daħkana fi ġnien kollu żahar u fjuri. Qaltli li xejn ma jonqosha, imma jien fil-għodu mort smajtilha quddiesa għal ruħha.

—Lili semmietni ?—staqsiet Rożina.

—Ma rietx ingħidlek, iva semmietek. Resqet lejja bil-ħlewwa u qaltli: Kemm xtaqt li Rożina tiegħi ma tibqax weħidha. Il-ġuvni li qed iħares lejha jgħodd għaliha.

Rożina saret ħamra u ħasset rogħda f'qalbha. Li kienet taf sewwa xi trid minnha ommha ! "Xi isem, xi ħjiel fuq dan il-ġuvni xejn, sa' Żeż?"

—Taf il-ħolm kif inhu : dak il-ħin tara kollox sewwa mbagħad mita tqum ma tqabbilx malajr dak li ħlomt. Deherli semmiet sinjur tal-qorti, is-sur Ċekkinu, jew Peppinu, jew Ġanninu, ma niftakarx, Xi ħadd gwapp, għaref, hi taf f'min kienet taħseb. Binti l-ħolm sħab tas-sajf, għajbur, jitrabba u jisfa fix-xejn f'radda ta' salib.

—Dal-ħolm fiha x'taħseb, sa' Żeż.

—Dil-ħolma iva. Twissija ta' l-omm mid-dinja l-oħra m'hix ħaġa taċ-ċajt. Nistħajjel li dejjaqtek ġejt biex tagħmel żjara tal-ferħ. Jien ukoll x'fettilli nitkellem ? imma malli rajtek ma tanix li ma ngħidlekx.

—Għamilt sewwa, sa' Żeż. Dak li għedtli jista' jkunli ta' ġid.

Malli marret id-dar Rożina nfexxet f'bikja. Tgħid tassew ommha ħallmitha lil Żeżina? Iltaqgħu f'magħmudija bla ebda ħsieb, lil Żeżina tafha filbogħod, saħħa, saluti. Fuq x'tagħmel hi u x'taħseb żgur ma taf xejn. Ħolmot b'ommha u l-ewwel darba li ltaqgħet magħha semmithielha. U dan il-ġuvni min sata' jkun li ommha riditha tiegħu? Minn ftit il hawn intebħet b'ġuvnott qsajjar dejjem bil-ġakketta sewda, bastun iswed bil-fidda, ingwanti mitnija jferfru f'idu x-xellugija ; igħaddi sikwit minn quddiem id-dar; xi ħadd qalilha li jismu Ċekkinu, pirkratur, ikun il-qorti ta' fuq, mill-Birgu. Tgħid hu ? Il-fellus daħal f'moħħha

* * *

Is-sur Ċekkinu kien bil-qiegħda quddiem ħafna karti mita s-sa' Żeż tektkitlu fuq il-bieba ta' l-offizzju u daħlet.

—Hawn jien, sur Ċekkinu, dak li wegħedtek għamiltu, in-nasba saret issa x-xlief f'idejk.

—Mara int, ħa dawn ta' xogħlok;—u ħareġ mill-kaxxun żewġ nofs liriet. Kif ftehemna għandek ħames liri dak in-nhar li nidħol għarus u għaxar liri wara li ssir il-kitba taż-żwieġ. Kif ħaditha l-aħbar is-sinjurina ?

—Infixlet daqsxejn, imma kollox mexa kif ridt jien.

U dak li nżara nibet. U Żeżina biż-żmien ħadet il-ħames liri u l-għaxar liri wkoll mingħand Ċekkinu. U fit-tieġ kienet mistiedna u l-ħaddara ma sabux xi jgħidu. Xorb u ħelu kien hemm bil-ħala, għax Rożina ma żżewġitx b'idha f'idha, missierha kien ħalla l-ġid u minn għand zijietha wirtet ukoll.

U s-sur Ċekkinu ried li l-ħwejjeġ isiru sewwa; dak li żara nibet, ħalli kulħadd jifraħ. Żenina mabaqgħetx ma rabtetx f'maktur ftit ħelu għan-nepu-

tijiet bħal ma kienet għamlet fil-magħmudija ta' Dolor u naħseb li f'waqt it-trattament ftakret f'dik il-magħmudija fejn qalb il-biskuttini twieldet il-ħolma li seħħet. U l-għarajjes għammru u tammru, sew kif kienu jispiċċaw il-ħrejjef ta' niesna fl-im-magħoddi.

## LEJLA BINT ĦASAN

*(Mill-ktieb ta' John Horne fuq il-Maghreb)*

Ħasan kien issellef kemxa flus minn għand Aħmed-bin-Abdullah, il-Bej ta' l-Arġiel, u mita wasal iż-żmien biex iħallas kellu jistqarr li ma satax iħallas. Il-Bej għadab u tah żmien tliet xhur biex iġiblu flusu kollha; "għandu bintu xebba sabiħa wisq", qallu wieħed minn ta' madwaru, "u kull ma jkollujonfqu għaliha: ġawhar, deheb, ħarir, kull ma tixtieq jixtrilha." Mita ġie lura Ħasan, il-Bej qallu: "Ħallina mid-dejn, xtaqt nizzewweġ lil bintek u jekk tħobbha, kif qaluli, naħseb li ma ssibhiex bi kbira li ssirlek il-mara tal-Bej."

Ħasan xteħet f'riġlejn Aħmed u ħaliflu li biex bintu ssir mart il-Bej jagħmel kollox u jonfoq ruħu jekk jinħtieġ. Hekk Lejla bint Ħasan, fqasir żmien saret mart il-Bej u bi ġmielha saħħret il-ħarem u ġmielha kotor bil-ħnienaq tal-ġawhar, bl-imsielet, bil-ħwietem li libbisha l-Bej. U Aħmed-bin-Abdullah ma kienx jixba' jitgħaxxaq b'martu.

Lejla ma bdilhiex li saret mart il-Bej, imma mimlija bi ġmielha kienet għal kull xejn titkabbar u titlaq ftit u xejn ilsienha u titfantaslu lil żewġha.

Dan xtaq iżommha bi lġiem ħelu għall-ewwel, iżda mita darba qarsitu fil-laħam il-ħaj ħaseb li



juriha kemm kellha xorti kbira li ssír mart il-Bej u ma tibqax bint Ħasan li jrid jaqla' x'jiekol.

Għelhekk ħaseb li jbeżżagħha billi jinfired minnha għal ftit biex jarġa' jeħodha jumejn wara.

Il-Misilmin ma jridux wisq biex jinfirdu mill-mara. Ma għandhomx ħlief imorru quddiem tlieta min-nies u jgħidulha: "Mur, ninħall minnek," għal tliet darbiet. La hawn kollox sewwa. Jekk ir-raġel jibdielu u jrid jarġa' jieħu 'l-mara li kellu, mhux la kemm. Biex tarġa' tista' tagħmel dan, il-mara trid tkun iżżewġet darb'oħra u nħallet wara l-ewwel firda.

Il-Bej ma kienx bi ħsiebu jtellaq lil Lejla għal ħaġa hekk żgħira, ried biss ibeżżagħha, iżda l-liġi tal-Misilmin ma tilgħabx. Qabel jinfired minnha kif ried hu, biex jarġa' jeħodha l-għada, kellu jsib lil min jiżżewwigħa għal jum wieħed biss. Mur sibu raġel bħal dan!...

Kien jitniegħes Aħmed wara nofs in-nhar b'dawn il-ħsibijiet, mita ħass tektika sejra dejjem li dejqitu. Ħabbat idejh u feġġ minnufih l-iswed irsir tiegħu. "Mur ara min hu dan il-misħut li qiegħed iħabbat bla hedu dal-ħin u ġibu quddiemi."

Għab l-iswed u wara ftit it-tektik siket u ftit ħin wara l-iswed daħal quddiem il-Bej u miegħu sabi donnu stwiel.

—Għarkubtejk quddiem sidna l-Bej—qal l-iswed—u ara kif issib maħfra quddiemu talli bit-taħbit tiegħek tajjartlu nagħsu.

—Ja Sidi aħfirli, jiena naħdem iż-żraben u xi balgħa lin-nies ta' darek. Għandi f'idejja balgħa ta' waħda min-nisa tal-ħarem u tridha malajr u kont qed naħdima.

—Ħaqqni naqtagħlek rasek—qallu l-Bej.

Hawn ġie ħsieb f'moħħu... "Dan jaqdini biex inżewġu lil Lejla għal ftit sigħat..."

—Int għażeb ?—Saqsieh.

—Iva, ja Sidi.

—Biex naħfirlek, jeħtieġlek tiżżewweġ,—qallu.

—Le, ja Sidi, aħjar toqtolni. Iż-żwieġ ma jgħoddx għalija; naqla' ftit u ngħix imqarnes u l-mara tfixkilni u t-tellifli s-sengħa.

—Nagħmlu hekk: int tiżżewweġ malli ngħidlek u mita trid tinfired mill-mara. In-nefqa taż-żwieġ għalija...

Xejn ma qileq is-sabi. — Hekk irrid. Mita għandi ninfired ?

—Mita tlesti dik il-balgħa li għandek f'idejk iż-żwieġ tiegħek għandu jinħall. Naħsiblek jien għall-qirew. Jaqbillek ?

—Ja sidi—malli l-balgħa ssir inkun miegħek. Kelmti nżommha kif irid dinna u Rażul Allah.

—Malli ġietu x-xoqqa f'moxtha, il-Bej sejjaħ tlieta minn niesu u bagħat għal Lejla li kienet għadha kif għamlet waħda minn tagħha.

—Mur, ninħall minnek—qalilha—u l-lejla nżewġek.

Lejla nxorbot f'qoxritha u tbikkmet.

Filgħaxija n-nisa tal-ħarem daru biha, libbsuha, dilkulha dufrejha u dirgħajha bil-ħenna u missewlha għajnejha bil-koħol.

Il-għarus bagħtulu kull ma kien jinħtieġ u libbsuh kaftan tal-ħarir aħmar u aħdar u f'rasu turbant tal-kaxmer mill-ifjen.

Malli dalam, Lejla ħarġet fuq l-idejn għal għand il-għarus fost il-għana u l-ferħ tal-ħaddara u d-daqq ta' l-otbra u tas-sfafar u l-mixegħla tal-ħbieb.

Kollox ra l-Bej minn beju il-muxrabija u tbissem jidħak għax kien jaf li dik firda ta' sigħat. Hass qalbu tinkiser, madankollu, għax ftit sigħat



kienu bosta biex jinfired minn martu, iżda għada juriha kemm iħobbha u kemm kienet tagħmel ħażin iddejqu.

Il-għada l-iskarpan ma fetaħx, il-pitgħada, il-Bej lemħu qiegħed qawqbi fil-bieb tal-għorfa bil-martell iħabbat fuq il-ġild tal-balgħa.

—Lesta l-balgħa ?

—Għad, ja Sidi, naħdem fuqha kif tarani. Malli tkun lesta taraha mdendla.

Il-Bej xamm il-għawġ, u l-għada bagħat isaqsi ma' wieħed mill-irsiera.

—Lesta ?

—Le, ja Sidi, għada f'idejh u sibtu jħabbat u maqsum bid-daħk.

—Aħjar qtajtlu rasu — qal il-Bej — għax lil Lejla tliftha.

## IŻ-ŻEWĠ SEKSIEKA

Kulħadd kien drah lil Pawlinu b'dak il-pass ta' bniedem għajjien wara mixja twila, sieq waħda tkaxkar wara l-oħra, ġismu nitfa milwi 'l quddiem, idejh maqfula wara fuq qaddu. Erba' passi qosra u jieqaf, l-aktar meta jkun miexi ma' xi ħadd.

Hajtu, tista' tgħid, kien igħaddiha fit-trieq, minn wara l-quddiesa tat-tmienja sa nofs-in-nhar, sagħtejn mistrieħ wara l-ikel u tarġa' barra sa ma jiġi biex jitgħaxxa.

U la ħbieb u la każini. Mita x-xita jew il-bard ma jħalluhx joħroġ, idur dawra ma' dwaru għall-ġid ta' butu.

Għax Pawlinu ma kellux għalfejn iħabbat rasu għall-ħajja. Zijuh kien ħallielu ftit griebeġ u erba' ħwienet. Kera ċkejken iżda dieħel dejjem, għax il-fqir il-kera jaħseb fih, jekk jaf li jgħix imqarnas.

Il-ħajja tat-trieq kienet għal qalbu sewwa għax f'demmu kellu li jseksek u jedha billi jagħmlu n-nies u b'dak li jiġri ma' dwaru. Malli jilmaħ qatgħa nies fil-bgħid jiġbed għal fuqhom.

—X'ġara ?—U jħejji ruħu għan-nadra.

—Jaħasra—taqbeż waħdu—is-serva ta' l-avukat żelqet f'felli bettieħa u donnu weġġgħet sewwa; refgħuha n-nies fuq l-idejn. Tiħa donnuha berqa, Alla jibgħathielha tajba !—Nies tħares lejn it-tarf tal-bankina biex tilmaħ il-qoxra tal-bettieħa, oħrajn lejn fejn daħal it-tabib.

Pawlinu jinqala' minn wara l-bieb l-aħħar wieħed. Daqqa t'id ma jagħti qatt. Jisma' biss u jeżkzek bejn snienu biex juri li għela huwa wkoll.

Darba ftit il bogħod minnu jiżloq bagħal ta' karrettun tal-ħaġar. Il-bhima ntelqet għal mejta tonfoħ u kull tant titmattar. In-nies bdiet tinġama' minn kullimkien. Il-burdnar waħdu ma jista' jagħmel xejn. Resqu żewġ bdiewa, bajjad u wieħed tal-karrozzin. "Għinuni l-aħwa—Ħollu t-tiranti jew aqtgħuhom;—Nerfgħu l-lasti ħalli neħilsu l-bhima" Il-burdnar qala' żewġ xkejjer u firixhom taħt ras il-bhima u malli ra li kollox kien sewwa xteħet bil-qiegħda fuq rasha. Il-bagħal triegħex meta ħass rasu magħfusa, tfefer qawwi, qabbad dufrejh u b'salt wieħed qam fuq riġlejh.

In-nies għajtet għajta waħda għalenija għax il-burdnar melles il-bagħal fuq ingropptu u fuq irkobbtejh; ma kien ġralu xejn, l-anqas inġeraħ.

Kulħadd ried imidd idu biex jarma l-karrettun issa li ma kienx hemm aktar biża' li l-bagħal iferfer xi daqqa ta' żewġ.

Pawlinu lanqas biss resaq jarfa' ħabel, ħdejn rota waħda, hemm kien u hemm baqa'.

Resqet fejnu Karmelina, bint il-majjistra, li kienet toqgħod fit-trieq tiegħu u qaltlu:



—Sur Pawlinu, ħallini nfarfarlek il-komma għax kollha għabra, ħakkejtha mar-rota bil-fixla. Qed ngħid bejni u bejn ruħi: Kemm hi qalbu tajba s-sur Pawlinu ma jistâx ikun hemm disgrazzja li ma tarahx jaqbeż għall-fqir. Jiena bħalek, sur Pawlinu, ma jagħtini x li ma naqbiżx mita nara biċċa għawġ.

Karmelina kienet xbejba mibruma ġmielha, dirgħajha barra 'l fuq minn minkibha, libsa mqaċċta, kappell tat-tibna rqiqa ħafif ħafif immejjel fuq widnitha x-xellugija.

Id-daħka dejjem f'fommha, fuq tagħha, u ħluqija.

Is-sur Pawlinu daħkilha u ħallieha tfarfru għax kien ilu jħares lejha ħelu mita jiltaqa' magħha. Il-ħalja kienet seksieka bħalu u mhux darba jew tnejn kien sab ruħu ħdejha fil-kotra ta' nies miġbura madwar xi għawġ.

Minn dik il-waqgħa tal-bagħal bdew jitkellmu. Jumejn wara ltaqa' magħha ġejja mix-xiri. Resqet ħdejh u sellmitlu bil-ħlewwa:

—Sur Pawlinu, rajtek dal-għodu qalb in-nies ħdejn il-għajn mita l-motor għaffeġ dak il-bulldog. Kemm isuqu ħażin xi wħud minn dawn il-motors ! Jaħasra kelb daqs mogħża lanqas laħaq niżel il-bankina. Sidu baqa' miblugħ u dak tal-motor lanqas biss ħares lura... x'qalb ħażina għandhom in-nies. Jien bqajt inħares kwarta lejn il-kelb imgħargħar f'demmu.

—Iva rajtu—qal Pawlinu,—il-bieraħ għaffġu ieħor. U t-tnejn baqgħu telgħin il fuq.

—Imbierek int,sur Pawlinu, li ma għandekx taħseb għall-ħajja. Hekk kienet tgħidli oħti l-bieraħ. Dak is-sur Pawlinu għandu kollox, saħħa, flus, qalbu ħanina.Kemm kont tgħodd għalih int li tħobb tara x'ġara daqsu. Skużi għax nitkellem miegħek·

bil-kunfidenza, kemm xtaqt nista' naqdik f'dak li tista' tinħtieġ għax naħseb li int waħdek wisq.

—Tiċċajta s-sinjorina — qal Pawlinu — drajt waħdi, għad li kultant naħseb bħal oħtok.

Sewwa għax dik il-ħabta ġraw praspar aktar minn qabel, jew għax ix-xewqa tal-laqgħat kienet kibret, naf li aktar spiss kont tarahom flimkien lil Pawlinu u lil Karmelina.

Fl-aħħar, kelma ġġib l-oħra, għax id-diskors bħaċ-ċirasa, iltaqgħu t-tnejn għand oħt ix-xbejba u taw il-kelma.

Minn dik in-nhar ma ħasbux iżjed milli setgħu jgħidu l-ġirien, ġrew flimkien kull fejn sabu erbgħa min-nies miġbura biex jaraw x'ġara. Ġewwa folla kbira jiddeffsu, jixxabbtu, irossu sa ma jaqtgħu xewqithom, jaraw, jitkixxfu, jitpaxxew b'kull ġrajja mgħawġa li tinħoloq. Karmelina lestiet il-ġhies u l-jum tal-hena wasal.

F'għaxet in-nhar, bdiet tinġabar il-ħaddara fil-Knisja. Wara l-bieb in-nies tinġama' ġmielha għax l-aħbar ġriet u n-nies xtaqet tara t-tieġ.

Kulħadd wasal, il-għarus, ix-xiehda, il-Kappillan, il-ħaddara. Tonqos il-għarusa. Għax ma waslitx? x'sata' żammha?

Fl-aħħar ħareġ wieħed mix-xiehda, jofroq il-ġemgħa tal-kurjużi. Imrassa wara l-bieb ta' ba[illegible] in-nies ittawwal għonqha u bdiet titlef is-sa[illegible]

Dak li ħareġ iħittex il-għarusa jilmaħ, f'r[illegible] taz-zuntier, wara plier fid-dlam, imqammta [illegible] iswed, mara tixxabbat wara l-oħrajn bix-xewqa li tara dieħla l-għarusa. Żgur, ħaġa għariba bħal din! Kienet Karmelina li qabel tidħol il-Knisja riedet taqta' l-aħħar xewqa. Tara l-għarusa dieħla bħal l-oħrajn kollha. Il-għâda ħażina [illegible] sseksek għelbitha lil Karmelina!